# Jitqaddes Ismek

Marzu 2011 ; Ħarġa nru 3

# EDITORJAL

## ĠESU' KRISTU VERU ALLA U VERU BNIEDEM

***Ebda sura ma kellu u ebda ġmiel biex inħarsu lejh (Is. 53:2); Jaraw għajnejk sultan fil-ġmiel tiegħu. (Is. 33:17)***

*Nemmen f'Ġesù Kristu, Iben waħdieni ta' Alla, imnissel mill-Missier, qabel kull zmien ... ħa l-ġisem bis-setgħa ta' l-iSpirtu s-Santu minn Marija Verġni u sar bniedem.* Ħafna huma dawk li jħarsu lejn Ġesù bħala bniedem iżda ma jaċċettawx id-Divinità tiegħu. Dawn it-talin ifakkruni f'żgħażugħa li kienet tgħarrset ma' *Mozart* qabel ma kiseb fama kbira. Imsaħħra minn irġiel sbieħ għonja, tilfet kull interess fih għax kien qasir ħafna. Ġennbitu għal xi ħadd twil u attraenti. Meta id-dinja bdiet tfaħħar lil *Mozart* għall-mużika sabiħa tiegħu, iddispjaċiha li kienet ħadet dik id-deċizjoni. Qalet: *Qatt ma kont naf bil-kobor tal-ġenju tiegħu. Jien dejjem ħarist lejn raġel qasir!*

Nistagħġbu kif il-Lhud, midħla sewwa tal-Bibbja, għadhom sallum ma għarfux il-kobor veru ta' Ġesù, il-Messija. Forsi stennew li jaraw Sultan sabiħ kif iddeskrivih il-Profeta Isaija. Ma fehmux li qabel ma l-Messija jikseb is-sbuħija glorjuża kollha tiegħu, kellu l-ewwel ikun Bniedem tat-tbatija, kif ifissru (Is. 53:2)

Xi wħud fi żmien Ġesù qalu li kellu *spirtu mniġġes* (Mk 3:10); oħrajn ippruvaw jitfgħuh minn fuq l-irdum (Lq 4:29). Għall-ewwel, qrabatu stess ma għarfux l-identità vera tiegħu (Ġw. 7:5). Ħafna kienu dawk madwar Ġesù li ħarsu lejH bħala bniedem, iżda ċaħdu li jilqgħuh bħal Alla. *Dan mhuwiex il-mastruaxxa bin Marija, u qarib Ġakbu u Ġożé u Ġuda u Xmun? (Mk. 6:3)*

Int kif tħares lejn Ġesù, bħala sempliċement bniedem, jew bħala Bniedem u Alla, il-Feddej? Ftakar li biex isalva lilek innifsek (Rum.3:23). Emmen fil-Mulej Ġesù, u ssalva int u l-familja tiegħek (Atti 16:31**). *Jekk int tistqarr b'fommok ' Ġesù hu l-Mulej,' u temmen f'qalbek li Alla qajmu mill-imwiet, inti ssalva. Wieħed jemmen f'qalbu biex ikollu l-ġustizzja u jistqarr b'xofftejh biex ikollu s-salvazzjoni.***

**P. Samwel Abela O.Carm**
**Editur**

**Komunita tal-Isem Imqaddes t'Alla**
**Indirizz tal-uffiċċju:**
**10, Triq Mattew Callus, Mosta.**
Tel.: 99453484.

*President:* **Giovanni Chetcuti**
*Editur:* **P. Samwel Abela O. Carm.**

## Werrej:

| | |
|---|---|
| Editorjal | : Paġna 1 |
| Meta Ngerger | : Paġna 2 |
| Aħbarijiet u Birthdays | : Paġna 2 |
| Attivitajiet | : Paġna 3 |
| Programm | : Paġna 4 |

# *META NGERGER ...*

Wieħed li qatt ma kien jikkuntenta b'dak li għandu, deher li ħadha t-tagħlima meta jum fost l-oħrajn, kiteb f'gażżetta dan li ġej: *Dħalt fil-knisja, u rajt tfajla ħelwa, u kważi għert għaliha, tant rajtha ferħana. Xtaqtni kont bħalha għax rari nkun ferħan. F'xi ħin qamet u rajtha ħierġa'l barra titbandal lejn il-lemin u lejn ix-xellug. Indunajt li kellha sieq waħda u mxiet bil-krozzi.* ***O Alla, aħfirli meta ngerger. Għandi zewġ saqajn u d-dinja hija tiegħi.***

Aktar tard waqaft nixtri mingħand ġuvnott li kellu ċerta tbissima ħelwa; waqaft nitkellem miegħu għal ftit mumenti. Kif dort biex nitlaq, il-ġuvnott qalli: *Grazzi talli qgħadt titkellem miegħi, nieħu gost nitkellem ma' nies bħalek – jien bla dawl.* ***Mulej, aħfirli meta ngerger, għandi par għajnejn u nara tajjeb. Id-dinja hija tiegħi.***

Komplejt miexi u rajt tifel b'għajnejh żoroq. Kien qed iħares lejn sħabu jilagħbu u għedtlu biex imur jilgħab magħhom. Dawwar rasu lejja bla ma qal kelma. Indunajt li kien trux. ***Mulej, aħfirli meta ngerger.***

Għandi par saqajn li jistgħu jeħduni fejn jogħġobni; għandi par għajnejn biex nara s-sbuħija tan-natura; għandi par widnejn biex nisma' dak li nixtieq naf!

***Mulej, aħfirli meta ngerger – tassew beriktni b'barkiet mill-isbaħ – inħoss li d-dinja hija tiegħi.***

***Leħen is-Sewwa, 13 ta' Novembru, 2010***

**Nota: Dan il-fuljett qed ikun fil-website tal-Parroċċa tal-Mosta: www.mostachurch.com**

## Aħbarijiet mill-President Giovanni Chetcuti

Matul ix-xahar ta' Frar, kellna Breakfast & Snack fil-festa ta' San Pawl, fis-Soreda Hotel, l-Qawra, fi tmiem din l-attivita morrna l-knisja ta' Burmarrad fejn tlabna t-talba tar-Ruzarju u hadna sehem fic-celebrazzjoni tal-Quddiesa. Fl-ewwel Ħamis tax-xahar ħadna sehem fil-Quddiesa u mexxejna l-Adorazzjoni fil-knisja Arċipretali. Matul dan ix-xahar ukoll, kellna laqgha ta' talb u quddiesa li saret fil-kappella tal-Oratorju Qalb ta' Ġesu. Matul il-laqgha kellna ħsibijiet dwar il-fidi tagħna u fil-quddiesa, P. Samwel tkellem dwar il-volontarjat. Fl-aħħar weekend tax-xahar kellna Weekend Break f'Ghawdex. Kellna weekend mimli attivitajiet u ħargiet, li kull min attenda tant ħa pjaċir. Irrid nieħu din l-opportunita biex nirringrazzja lil helpers kollha tax-xogħol volontarju li jwettqu. Grazzi lil membri kollha li jieħdu sehem.

## Awguri f'Għeluq sninhom — Marzu

Annie Fenech, Sonia Camilleri, Polly Cachia, Diana Sammut, Maria Mifsud, Mary Rose Stivala, Giovanna Saliba, Guza Agius, Doris Cassar, Jacqueline Vassallo, Maria Mallia, Mariella Cuscheri, Doris Vassallo, Rita Dimech, Rita Saliba, Josephine Falzon, M'Louise Dimech, M'Anna Zarb, Gemma Borg, Joseph Schembri, Josephine Mifsud, Victoria Bugeja, May Colombo, Carmen Aquilina, Carrie Hall, Adele Muscat, Frans Pace, Pauline Calleja, Josephine Cilia, Annie Calleja, Rita Azzopardi, Rita Calleja, Doris Farrugia, Carmena Borg, Marija Bezzina, Doris Spiteri, Doris Fenech, Sandra Micallef, Doris Gauci.

## Quddiesa u Adorazzjoni

Il-Hamis 3 ta' Marzu 2011

Fil-Knisja Arcipretali tal-Mosta

Fis-6:30p.m.

**Inheggu lil kull min jista biex jattendi. Waqt l-Adorazzjoni tinghad it-Talba ta' Tpattija ghad-Dagha**

---

## CARNIVAL DINNER DANCE

Il-Gimgha 4 ta' Marzu 2011

F'Ta' Soldi Rest., Mgarr

6:45p.m. Tombla u
8:00p.m. Ikla, Kompetizzjoni tal-Kostum u Muzika

€18 Kbar – €9.50 t-Tfal

* Tombla * Divertiment * Raffles
*Ikla Set Menu * Kompetizzjoni tal-Kostum * Rigal lil kull min jattedni *

### Trasport

**05:05p.m.** Tluq mill-Mellieha
**05:15p.m.**Tluq minn San Pawl, Hal Kirkop, mill-Pjazza tal-Gharghur u mill-Imsida.
**05:30p.m.** Tluq mill-pjazza tan-Naxxar, mill-R & G Ironmongery, mill-Oratorju, Fleur-de-lys, minn B'Kara ,minn hdejn Margaret u minn San Giljan.
**05:45p.m.** Trasport mill-pjazza tal-Mosta
**11:30p.m.** Tmiem ta' l-attivita u trasport lura d-dar

---

## WEEKEND BREAK F'GĦAWDEX

Mill-Gimgha 11 sal-Hadd 13 ta' Marzu 2011

Fid-Down Town Hotel, Rabat, Ghawdex.

***Fully Booked***

---

## Jum ta' Talb

*Il-Kumitat tax-Xirka Nazzjonali se jorganizza Jum ta' Talb flimkien ghal zmien ir-Randan*

Data: Il-Hadd 20 ta' Marzu 2011,
Post: Porziucola Hse Bahar ic-Caghaq
Hin: Fid-9:00a.m. tluq tat-trasport mill-lokalitajiet kollha fit-8:00a.m.
Prezz: €18.

Ikollna Quddiesa, laqghat ta' taghlim, Hin ghat-talb u ikla f'nofsinhar. Nispiccaw dan il-jum fl-4:30p.m.

## CELEBRAZZJONI PENITENZJALI U QUDDIESA

***Ghal zmien r-Randan***

Data: Il-Gimgha 18 ta' Marzu 2011,
Post: Knisja tal-Karmnu Mdina
Hin: Fis-6:00p.m.
Prezz: €3 ghat-trasport

Programm: Fis-6:00p.m.
Niltaqghu hdejn il-Knisja tal-Benedittina l-Imdina
Pellegrinaġġ sal-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu
Ċelebrazzjoni Penitenzjali u Quddiesa
Nieħdu kafe flimkien.

**Trasport:**

5:00p.m. Minn Hal Kirkop, Mellieha
5:15p.m. Minn Fleur-de-lys, San Pawl, San Giljan, Gharghur, B'Kara u R&G Mosta
5:30p.m. Pjazza Mosta u Naxxar

---

## AFTERNOON TEA & TOMBLA

Data: Il-Hadd 27 ta' Marzu 2011
Post: Angelos Rest., Bugibba
Hin: 2:00p.m.
Prezz: €5

**~ Tombla ~ Raffles ~**
**~ Offerti Specjali ~**
**~ Platt varjat ta' Ikel ~**
**~ Rigali x'jintrebhu ~**
**~ Trasport minn diversi lokalitajiet**

**01:00p.m.** Tluq minn Hal Kirkop u Msida
**01:15p.m.** Tluq minn B'Kara u Gharghur u Naxxar
**01:30p.m.** Tluq mill-R&G Iron, mill-Oratorju, minn hdejn Margaret u minn San Giljan.
**01:20p.m.** Trasport mill-Mellieha
**01:45p.m.** Tluq mill-Pjazza tal-Mosta u San Pawl l-Bahar
**06:30p.m.** Tmiem ta' l-attivita u trasport lura

---

## GURNATA FLIMKIEN F'SAN GIRGOR

L-Erbgħa 27 ta' April 2011.
Palm Valley Rest., M'Scala
9:00a.m.- ara t-trasport
€16 li jinkludi t-Trasport, Te u Kafe, Pastizzi, Cake, Ghazla bejn Laham, Tigieg, jew Hut, Dezerta, rigali x'jintrebhu u jingħata rigal lil kulħadd.

---

GHALL-BILJETTI JEW DETTALJI CEMPEL:
**Mosta:** Margaret 21410683 ; Carmena 21432074; Kanen **Naxxar** 21411864; Louise **Fleur de lys** 21491676; Guza **B'Kara** 21488822 Carmen **B'Kara** 21448710; Maria **San Pawl** 21571048; Doris **Gharghur** 27431029;Mary **San Giljan** 21359747; Carmen **Marsa** 21232071; Esther **Mellieha** 21520014; Censina **Hal Kirkop** 79433478.

## Programm ta' Marzu

### *ATTIVITAJIET RELIĠJUŻI*

**Il-Ħamis 4 ta' Marzu 2011**

6:30p.m. Quddiesa u Adorazzjoni, fil-Knisja Arċipretali tal-Mosta. Wara l-Adorazzjoni tingħad it-talba ta' tpattija għad-Dagħa.

**L-Gimgha 18 ta' Marzu 2011**

6:00p.m. Pellegrinaġġ, Celebrazzjoni Penitenzjali u Quddiesa Fil-Knisja tal-Karmnu l-Imdina. Dettalji f'pagna 3
.

**Il-Ħadd 29 ta' Marzu 2011**

9:00a.m. Gurnata Irtir, F'Porziuncola Bahar ic-Caghaq. Dettalji f'pagna 3,.

### *ATTIVITAJIET SOĊJALI*

**Il-Gimgħa 4 ta' Marzu 2011**

Carnival Dinnar Dance
F'Ta' Soldi Rest., Mgarr
Dettalji f'paġna 3.

**Mill-Gimgha 11 sal-Ħadd 13 ta' Marzu**

Weekend Break Ghawdex,
fid-Down Town Hotel, Rabat.
Dettalji f'paġna 3.

**Il-Hadd 27 ta' Marzu 2011**

Afternoon Tea & Tombla
Angelo's Rest., Bugibba
Dettalji f'paġna 3.

**l-Erbgha 27 ta' April 2011**

Gurnata Flimkien ta' San Girgor,
Palm Valley Rest., M'Scala
Dettalji f'paġna 3.